**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0430/2023**

12.12.2023

# RAPPORT

dwar l-aspetti relatati mal-ġeneru taż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-impatt tal-kriżi tal-enerġija
(2023/2115(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Alice Kuhnke



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................19

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.............................................................................................22

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................23

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......24

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-aspetti relatati mal-ġeneru taż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-impatt tal-kriżi tal-enerġija**
**(2023/2115(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(1) u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 9, 10, 119, 122, 127, 151, 153(2), 156, 157, 191 u 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (CFREU) u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet soċjali u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-prinċipju li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura", u, b'mod partikolari, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 1 li jfittex li jtemm il-faqar, l-SDG 5 li jfittex li jikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien għan-nisa, u l-SDG 8 li jfittex li jikseb tkabbir ekonomiku sostenibbli,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE[4],

---
[1] ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.
[2] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.
[3] ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
[4] ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125.

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar[6],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407 tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar il-faqar enerġetiku,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar il-faqar fost in-nisa fl-Ewropa[8],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tas-26 ta' Mejju 2021 bit-titolu "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni"[9],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku[10],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja (COM(2020)0662),

– wara li kkunsidra d-data dwar il-prezzijiet u t-taxxi tal-enerġija fl-użu finali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija[11],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali ta' Ottubru 2022 bit-titolu "The Fog of War Clouds the European Outlook" (Iċ-Ċpar tal-Gwerra Jtappan il-Prospettiva Ewropea)[12],

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Eurostat tal-2022 bit-titolu "Living conditions in Europe" (Il-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Ewropa)[13],

[5] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
[6] ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21.
[7] ĠU C 479, 16.12.2022, p. 75.
[8] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 2.
[9] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni", 26 ta' Mejju 2021.
[10] ĠU L 357, 27.10.2020, p. 35.
[11] L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, End-Use Prices Data Explorer, 28 ta' April 2023.
[12] Il-Fond Monetarju Internazzjonali, "The Fog of War Clouds the European Outlook", Ottubru 2022.
[13] Eurostat, Living conditions in Europe, 2022.

– wara li kkunsidra d-dokument informattiv u analitiku tal-Eurostat tal-10 ta’ Frar 2022 bit-titolu “Energy prices on the rise in the euro area in 2021” (Jiżdiedu l-prezzijiet tal-enerġija fiż-żona tal-euro fl-2021)[14],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tat-28 ta’ Ottubru 2022 bit-titolu “The cost-of-living crisis and energy poverty in the EU: Social impact and policy responses – Background paper” (Il-kriżi tal-għoli tal-ħajja u l-faqar enerġetiku fl-UE: l-impatt soċjali u r-reazzjonijiet ta’ politika – Dokument ta’ sfond)[15],

– wara li kkunsidra l-aħħar stħarriġ elettroniku tal-Eurofound, Living and Working in Europe, tar-rebbiegħa 2023,

– wara li kkunsidra l-Indiċijiet tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2021 u l-2022 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[16,17],

– wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-ħarifa 2022[18],

– wara li kkunsidra r-riċerka tal-Forum Ekonomiku Dinji tas-26 ta’ Jannar 2023[19],

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu “Gender perspective on access to energy in the EU” (Il-perspettiva tal-ġeneru dwar l-aċċess għall-enerġija fl-UE) ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni fit-18 ta’ Diċembru 2017[20],

– wara li kkunsidra l-briefing bit-titolu “Gender Aspects of Energy Poverty” (Aspetti relatati mal-Ġeneru tal-Faqar Enerġetiku), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni fl-1 ta’ Marzu 2023[21],

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu “The Gender Dimension and Impact of the Fit for 55 Package” (Id-Dimensjoni tal-Ġeneru u l-Impatt tal-Pakkett “lesti għall-mira ta’ 55 %”) ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni tal-Unjoni fis-6 ta’ Diċembru 2022[22],

– wara li kkunsidra l-briefing bit-titolu “Energy poverty in the EU” (Il-faqar enerġetiku fl-UE), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta’ Riċerka Parlamentari fit-18 ta’ Settembru 2023[23],

---

[14] Eurostat, Energy prices on the rise in the euro area in 2021, 10 ta’ Frar 2022.
[15] Eurofound, “The cost-of-living crisis and energy poverty in the EU: Social impact and policy responses – Background paper”, Ottubru 2022.
[16] Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2021.
[17] EIGE, Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2022.
[18] Unjoni Ewropea, EP Autumn 2022 Survey: Parlemeter, Jannar 2023.
[19] WEF, This is why women are bearing the brunt of the cost of living crisis, according to research, Jannar 2023.
[20] Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Gender perspective on access to energy in the EU, 18 ta’ Diċembru 2017.
[21] Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Gender Aspects of Energy Poverty, 1 ta’ Marzu 2023.
[22] Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, The Gender Dimension and Impact of the Fit for 55 Package, 6 ta’ Diċembru 2023.
[23] Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta’ Riċerka Parlamentari, Energy poverty in the EU, 18 ta’ Settembru 2023.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE[24],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tat-12 ta' Mejju 2022 tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-7 ta' April 2021 tal-Kumitat għall-Iżvilupp dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-popolazzjonijiet vulnerabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tat-2 ta' Ottubru 2020,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, b'enfasi partikolari fuq il-faqar fost dawk li jaħdmu[25],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd[26],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija[27],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar li t-trasport Ewropew jiffunzjona għan-nisa[28],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0430/2023),

A. billi l-inflazzjoni żdiedet drastikament mill-2021, xprunata primarjament minn kostijiet għoljin tal-enerġija u tal-ikel, u aggravata mill-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna[29]; billi l-pagi mhumiex previsti li jiżdiedu bl-istess rata tal-inflazzjoni, u dan iwassal għal kriżi tal-għoli tal-ħajja; billi din il-kriżi thedded b'mod akut l-għajxien, is-saħħa, il-benesseri, l-indipendenza ekonomika u l-aċċess għall-akkomodazzjoni tan-nisa, filwaqt li tillimita l-kapaċità tal-akkwist tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jixtru neċessitajiet bażiċi bħall-ikel, u dan ma jippermettilhomx igawdu standard tal-għajxien deċenti;

B. billi l-prezzijiet żdiedu, b'mod ġenerali, bi 11,5 % fl-UE minn Ottubru 2021 u l-ikel ġie affettwat b'mod partikolari, filwaqt li l-inflazzjoni żdiedet għal 17,8 % f'Ottubru 2022; billi, f'konformità mal-projezzjonijiet makroekonomiċi tal-BĊE ta' Settembru 2023 għaż-żona tal-euro, l-inflazzjoni medja għall-2023 hija stmata li se tkun ta' 5,6 %, li hija reviżjoni 'l fuq tal-projezzjonijiet preċedenti; billi skont il-Eurofound, iż-żidiet fir-rati tal-pagi nominali f'ħafna pajjiżi għall-2023 f'ħafna każijiet ma kinux biżżejjed biex tinżamm il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema nisa;

[24] ĠU C 385, 22.9.2021, p. 68.
[25] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 62.
[26] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 145.
[27] ĠU C 251, 30.6.2022, p. 58.
[28] Testi adottati, P9_TA(2023)0339.
[29] Eurostat, Energy prices on the rise in the euro area in 2021, 10 ta' Frar 2022.

C. billi l-pandemija tal-COVID-19, iż-żieda fil-kriżi tal-għoli tal-ħajja u l-gwerra kontra l-Ukrajna intensifikaw kriżi preeżistenti u l-kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol u tal-għajxien li ħafna nisa qed jiffaċċjaw; billi l-implikazzjonijiet assoċjati mal-ġeneru ta' kriżijiet bħal dawn ikomplu jipperpetwaw l-inugwaljanzi sistemiċi bejn il-ġeneri f'diversi setturi;

D. billi n-nisa fid-diversità kollha tagħhom huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja, peress li għandhom it-tendenza li jkunu fost l-ifqar parti tal-popolazzjoni, u jirrappreżentaw 70 % tal-1,3 biljun[30] ruħ li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' faqar; billi n-nisa jitqiegħdu b'mod konsistenti fi żvantaġġ minħabba fatturi strutturali u kulturali bħan-normi tradizzjonali tal-ġeneru;

E. billi n-nisa huma sovrarappreżentati f'impjiegi prekarji, f'forom flessibbli ta' xogħol, f'kuntratti atipiċi u flessibbli (xogħol part-time, xogħol temporanju, impjiegi informali) u huma sovrarappreżentati fost il-ħaddiema b'paga minima; billi n-nisa għandhom it-tendenza wkoll li jkollhom introjti u ġid aktar baxxi bħala riżultat tad-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet, u għalhekk huma aktar probabbli li jirrapportaw diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja u għadhom iġorru piż sproporzjonat ta' xogħol ta' indukrar mhux imħallas, u dan iħallihom b'inqas riżorsi biex jipproteġu lilhom infushom mill-impatt negattiv tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja; billi n-nisa huma affettwati wkoll b'mod partikolari mill-faqar tal-ħin, definit bħala n-nuqqas ta' ħin suffiċjenti għall-mistrieħ u d-divertiment tal-individwu wara li jitnaqqas il-ħin meħtieġ għal impjieg bi ħlas u xogħol mhux imħallas, u b'hekk ma jkunux jistgħu jnaqqsu s-sigħat tax-xogħol mingħajr ma jaqgħu (aktar) fil-faqar;

F. billi n-nisa għandhom it-tendenza li jkunu l-"assorbituri tax-xokkijiet tal-faqar li jġorru r-responsabbiltà ewlenija u l-piż mentali għall-ippjanar, ix-xiri u l-preparazzjoni tal-ikel għall-familji tagħhom u l-koordinazzjoni ta' diversi kompiti oħra ta' indukrar u tal-unità domestika bħall-immaniġġjar tal-baġit ta' unitajiet domestiċi foqra u għalhekk huma affettwati ferm aktar miż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-kriżi tal-enerġija; billi dan ir-rwol bħala indokraturi primarji fil-familja jpoġġi sehem sproporzjonat tal-piż tal-indukrar u tax-xogħol domestiku mhux imħallas fuq in-nisa;

G. billi kriżijiet suċċessivi kellhom impatti negattivi fuq in-nisa madwar id-dinja kollha, u dan fixkel il-progress rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi n-nisa huma partikolarment affettwati mid-diżinvestiment u mit-tnaqqis fil-baġit fis-servizzi pubbliċi bħall-edukazzjoni, is-saħħa u t-trasport u l-assistenza soċjali peress li huma aktar probabbli li jaħdmu fihom, jiddependu fuqhom, u jsiru l-fornituri ta' dawn is-servizzi pubbliċi meta jitwaqqfu;

H. billi l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għall-impjiegi u x-xogħol, u l-promozzjoni tal-ugwaljanza fil-karrieri u l-kategoriji professjonali, fit-taħriġ vokazzjonali u fis-salarji huma essenzjali, waqt li fl-istess ħin jissaħħaħ ix-xogħol bi drittijiet u jiġu protetti n-negozjar kollettiv u d-drittijiet tat-trade unions;

I. billi l-kriżi tal-enerġija fl-Ewropa enfasizzat il-ħtieġa li jiġi riformat is-suq Ewropew tal-elettriku; billi, bl-indiċjar tal-prezzijiet tal-elettriku mal-prezzijiet tal-gass, is-suq

[30] Il-proġett dwar is-sigurtà tal-ġeneri, Can 70 % of the World's Poor Celebrate International Women's Day? Marzu 2022.

ħoloq opportunitajiet sostanzjali għall-ispekulazzjoni, li rriżultaw f'diffikultajiet sinifikanti għall-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u għall-unitajiet domestiċi, speċjalment dawk li jinkludu persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew li jgħixu f'żoni rurali, inklużi n-nisa, li huma partikolarment f'riskju; billi din l-ispekulazzjoni ekonomika kkontribwiet għaż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija; billi r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-settur tal-enerġija hija waħda mill-għodod ewlenin biex jiġu ggarantiti d-drittijiet ekonomiċi u soċjali tan-nies, u jiġi żgurat li kulħadd ikollu aċċess għall-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ fit-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika;

J. billi l-Kunsill laħaq ftehim fir-riforma tas-suq tal-elettriku li għandu l-għan li jagħmel il-prezzijiet tal-elettriku inqas dipendenti mill-prezzijiet volatili tal-fjuwils fossili, jipproteġi lill-konsumaturi minn żidiet qawwija fil-prezzijiet, jaċċelera l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jtejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur;

K. billi t-tibdil fil-klima u d-diżastri relatati mal-klima jaggravaw il-kriżi tal-għoli tal-ħajja u għandhom impatt partikolari fuq in-nisa, peress li, statistikament, in-nisa jinsabu f'riskju akbar ta' faqar; billi l-gruppi li diġà jgħixu fil-marġni qed jintlaqtu l-agħar mill-volatilità tas-sistema tal-enerġija mill-fjuwils fossili, filwaqt li l-gruppi ekonomiċi l-kbar bħall-kumpaniji tal-enerġija u tal-ikel qed jagħmlu profitti rekord;

L. billi l-faqar enerġetiku jirrappreżenta sfida enormi u problema soċjali serja għall-UE; billi anki qabel il-kriżi attwali, fl-2021, 6,9 % tal-unitajiet domestiċi kollha tal-Unjoni kienu għadhom lura fir-rigward tal-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom, u 6,4 % indikaw li ma setgħux iżommu djarhom sħan; billi, fl-2020, kważi 15 % tal-unitajiet domestiċi kollha kienu qed jgħixu fi djar li kien qed jidħlilhom l-ilma, kellhom problemi fis-soqfa jew problemi ta' tmermir[31];

M. billi, fl-2022, aktar minn 41 miljun Ewropew ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat; billi dan in-numru huwa ekwivalenti għall-popolazzjonijiet tal-Greċja, il-Portugall, l-Ungerija u l-Iżvezja f'daqqa, li jfisser li dawk in-nies ikollhom jagħżlu bejn li jsaħħnu djarhom u jixtru l-ikel; billi huwa stmat li ċ-ċifra tista' tkun ferm ogħla, u l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku (EPOV) tal-UE jgħid li n-numru huwa aktar minn 50 miljun unità domestika affettwata; billi l-faqar enerġetiku huwa fenomenu multidimensjonali, meqjus li huwa kkawżat minn taħlita ta' introjtu baxx, kostijiet għoljin tal-enerġija u effiċjenza enerġetika ħażina fil-bini;

N. billi l-bini jirrappreżenta 40 % tal-konsum finali tal-enerġija fl-UE u 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha relatati mal-enerġija, u 75 % tal-bini tal-UE għadu ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija;

O. billi l-faqar enerġetiku huwa aggravat mill-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri, b'mod partikolari dawk relatati mal-introjtu, bħad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, il-pensjonijiet u l-parteċipazzjoni; billi d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għadha ta' 12,7 % madwar l-UE[32]; billi l-effett kumulattiv ta' dawn id-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-introjtu matul il-ħajja ta' mara jwassal biex in-nisa jirċievu introjtu tal-irtirar li, fl-UE, huwa bħala medja 35 % inqas minn dak li jirċievu l-irġiel; billi d-dritt għal paga ugwali għal xogħol ugwali mhuwiex dejjem rispettat u għadu waħda mill-akbar sfidi fl-isforzi biex tingħeleb id-diskriminazzjoni fil-pagi; billi għad hemm disparitajiet konsiderevoli

[31] Eurostat, EU statistics on income and living conditions.
[32] Kummissjoni Ewropea, The gender pay gap situation in the EU.

fid-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet fl-Istati Membri tal-UE, li jvarjaw minn 2,6 % fl-Estonja għal 46,1 % f'Malta; billi d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet twassal biex in-nisa jkunu f'riskju ogħla ta' faqar fix-xjuħija u ta' esklużjoni soċjali;

P. billi n-nisa, b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom u dawk li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali abbażi tal-etniċità, ir-razza, l-istatus tal-migrazzjoni, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltà jew l-età, huma aktar probabbli li jaqgħu f'faqar enerġetiku; billi dan ifisser li l-kriżi attwali tal-għoli tal-ħajja se taggrava l-faqar enerġetiku abbażi tal-ġeneru fl-UE; billi hija meħtieġa aktar data diżaggregata dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u intersezzjonali; billi, skont in-NU, id-dinja qed tiffaċċja l-akbar kriżi tal-għoli tal-ħajja għal ġenerazzjoni;

Q. billi fl-2022 aktar minn kwint tal-popolazzjoni tal-UE li jgħixu f'unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; billi lejn l-aħħar tal-2022, 44 % tal-ommijiet waħedhom u 31 % tan-nisa waħedhom ipprevedew li se jkollhom diffikultajiet biex jaffordjaw il-kostijiet tal-enerġija fix-xhur ta' wara[33];

R. billi l-kriżijiet tal-enerġija u s-sehem ogħla tal-kostijiet tal-enerġija fl-introjtu totali tan-nisa jnaqqsu l-kapaċità finanzjarja tagħhom li jibnu eżistenza awtonoma u dan jagħmilha aktar diffiċli għan-nisa mingħajr introjtu jew b'introjtu baxx li jaħarbu l-vjolenza domestika u l-abbuż minn sieħeb li jkunu marbuta miegħu finanzjarjament;

S. billi l-faqar enerġetiku huwa assoċjat ma' impatti sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u psikoloġika tal-bniedem peress li, pereżempju, it-temperaturi kesħin fil-kmamar huma marbuta ma' riskji akbar ta' stress, tfixkil fl-irqad, mard respiratorju u mard ċirkolatorju[34]; billi n-nisa jiffaċċjaw riskji sinifikanti għas-saħħa u s-sikurezza mit-tniġġis tal-arja fl-unitajiet domestiċi, u minn nuqqas ta' dawl u, skont studju tad-WHO, in-nisa għandhom riskju relattiv ogħla mill-irġiel li jiżviluppaw problemi tas-saħħa minħabba l-esponiment għad-duħħan minn fjuwils solidi, inklużi l-mard pulmonari ostruttiv kroniku u l-kanċer tal-pulmun; billi d-djar kesħin u r-riskji għas-saħħa assoċjati ġew rikonoxxuti bħala kawża potenzjali waħda ta' mortalità eċċessiva fix-xitwa[35];

T. billi ż-żoni rurali, interni, ultraperiferiċi u ż-żoni f'riskju għoli ta' depopolazzjoni huma partikolarment esposti għall-faqar enerġetiku, minħabba l-introjti relattivi aktar baxxi tal-unitajiet domestiċi li jinsabu f'dawn iż-żoni u minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi tal-bdiewa; billi, barra minn hekk, hemm inqas investimenti fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-akkomodazzjoni; billi n-nisa li jgħixu f'dawn iż-żoni huma aktar suxxettibbli li jaqgħu f'faqar enerġetiku u huma affettwati b'mod sproporzjonat minn aċċess inadegwat għal enerġija nadifa u affordabbli peress li spiss ikunu l-utenti primarji tal-enerġija domestika;

U. billi ftit hemm għarfien jew data disponibbli dwar l-impatt tal-faqar enerġetiku fuq in-nisa fl-UE; billi l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE ma jipprovdix data diżaggregata skont il-ġeneru fis-sett ta' indikaturi tiegħu aċċessibbli għall-pubbliku; billi ftit Stati Membri biss adottaw definizzjonijiet tal-faqar enerġetiku u indikaturi tal-faqar enerġetiku, li normalment ma jqisux il-ġeneru;

[33] Eurofound, The cost-of-living crisis and energy poverty in the EU: Social impact and policy responses – Background paper, Ottubru 2022.
[34] EIGE, Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023.
[35] EIGE, Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023.

V. billi l-enerġija solari mhux biss tista' toffri soluzzjoni għall-kriżi attwali tal-enerġija, iżda jista' jkollha wkoll impatt pożittiv fuq l-ugwaljanza u l-ekwità bejn il-ġeneri madwar id-dinja;

W. billi n-nisa fis-settur tal-enerġija għandhom it-tendenza li jaħdmu aktar f'kumpaniji fejn il-pagi huma aktar baxxi, aktar milli fis-settur mhux tal-enerġija; billi 20 % biss tar-rwoli tal-maniġment superjuri huma okkupati minn nisa fis-settur tal-enerġija u għalhekk in-nisa għandhom rwol insuffiċjenti fil-livell maniġerjali tal-kumpaniji tal-enerġija; billi l-inklużjoni sħiħa tan-nisa f'dawn il-pożizzjonijiet tgħin biex tippromwovi l-innovazzjoni, timplimenta modi ġodda ta' ġestjoni u tippromwovi d-diversità fil-forza tax-xogħol, u b'hekk trawwem ċiklu pożittiv ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika;

X. billi, skont in-NU, in-nisa jistgħu jkunu aġenti b'saħħithom tal-bidla fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa; billi l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-intraprenditorija tan-nisa u l-enerġija sostenibbli se jirrikjedi wkoll kollaborazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati mis-settur privat; billi l-indirizzar tad-differenzi eżistenti bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-finanzi, l-informazzjoni, it-teknoloġija, l-oġġetti u s-servizzi, huwa importanti biex jitnaqqsu r-riskji tal-investiment u jitħeġġeġ l-aċċess għal finanzjament korporattiv għall-imprendituri nisa fl-enerġija sostenibbli;

Y. billi ż-żieda fl-aċċess tan-nisa għall-enerġija u l-opportunitajiet sostenibbli hija prerekwiżit għat-taffija tal-faqar u għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa madwar id-dinja;

Z. billi, skont il-Forum Ekonomiku Dinji, is-settur tal-enerġija qed jiġġieled kontra nuqqas deplorevoli ta' gradwati nisa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM), u dan inaqqas l-għażla ta' applikanti potenzjali; billi n-nisa jirrappreżentaw 52 % tal-popolazzjoni Ewropea u l-maġġoranza tal-gradwati terzjarji fl-UE, iżda jirrappreżentaw biss 17,9 % tal-professuri tal-ogħla livell akkademiku fl-oqsma tal-inġinerija u t-teknoloġija[36], jirrappreżentaw tnejn minn kull ħames xjenzjati u inġiniera u għalhekk jirrappreżentaw biss 34 % tal-forza tax-xogħol fil-karrieri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM)[37]; billi t-tranżizzjoni tal-enerġija tista' tiggwadanja b'mod sinifikanti mill-għarfien u l-esperjenza tan-nisa;

AA. billi l-Kummissjoni ma wettqitx l-impenn tagħha stabbilit fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri biex tintegra perspettiva tal-ġeneru fl-inizjattivi ewlenin kollha tal-Kummissjoni, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-politiki relatati;

AB. billi l-Kummissjoni hija obbligata tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri skont it-Trattati; billi, madankollu, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tqis li perspettiva tal-ġeneru ma ġietx integrata fil-baġit tal-UE peress li elementi essenzjali, bħall-analiżi tal-ġeneru, l-objettivi relatati mal-ġeneru, l-indikaturi u l-obbligu ta' rendikont permezz tar-rapportar, huma fil-biċċa l-kbira neqsin;

AC. billi l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri huma fil-biċċa l-kbira neqsin mill-pilastri tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali tal-Faċilità għall-Irkupru

---

[36] Kummissjoni Ewropea, She figures 2021, Novembru 2021.
[37] Kummissjoni Ewropea, Towards a manifesto for gender-inclusive STE(A)M education and careers, Ottubru 2022.

u r-Reżiljenza, u dan jirrappreżenta opportunità mitlufa biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi integrata b'mod effettiv fl-objettivi klimatiċi u ambjentali;

AD. billi studju mitlub mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) juri li l-irġiel spiss jingħataw preferenza fuq in-nisa u gruppi emarġinati oħra fir-rigward tat-tfassil ta' sussidji u appoġġ fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", kif ukoll f'politiki, programmi u fondi oħra għat-tranżizzjoni ekoloġika;

AE. billi l-perspettiva tal-ġeneru hija nieqsa mill-politiki u l-miżuri tal-Istati Membri u tal-UE li għandhom l-għan li jikkontrobattu u jtaffu l-effetti tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja; billi madwar żewġ terzi tal-miżuri introdotti mill-Istati Membri biex itaffu ż-żieda fir-rati tal-inflazzjoni mhumiex immirati lejn gruppi partikolari f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u jipprovdu biss soluzzjonijiet fuq terminu qasir minflok reazzjonijiet li jikkontribwixxu għal tranżizzjoni soċjalment ġusta u ekoloġika bħall-promozzjoni tal-iffrankar tal-enerġija jew it-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

AF. billi l-azzjoni tal-UE għandha tqis l-importanza tal-kunċett tal-ġustizzja klimatika u l-impenn tal-partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi, li jirrispettaw, jippromwovu u jikkunsidraw l-obbligi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima;

***Soluzzjonijiet sensittivi għall-ġeneru għall-faqar enerġetiku u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja***

1. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq l-impenn pożittiv li ħadet il-President von der Leyen biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tfassil kollu tal-politika u jisħaq li jeħtieġ li jsir aktar peress li hemm nuqqas ta' perspettiva tal-ġeneru fl-inizjattivi ewlenin dwar il-klima, l-enerġija u l-ambjent li ġew ippreżentati; jappella biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew jiżgura tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa li taħdem għal kulħadd billi tiġi żviluppata strateġija intersezzjonali trasformattiva għall-ġeneru biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u billi jiżdied l-investiment pubbliku f'akkomodazzjoni soċjali, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, li spiss jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ġestjoni tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi, iżda ma jkollhomx aċċess ugwali għar-riżorsi;

2. Jiddispjaċih li r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407 tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar il-faqar enerġetiku[38] u l-gwida li takkumpanjaha[39] jonqsu milli jirrikonoxxu l-aspetti relatati mal-ġeneru tal-faqar enerġetiku u l-ħtieġa essenzjali ta' data diżaggregata skont il-ġeneru biex jiġu vvalutati b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli bħala indikatur ewlieni; huwa mħasseb li l-Kummissjoni ma ħaddnitx il-bosta talbiet tal-Parlament Ewropew, tas-soċjetà ċivili u tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) biex jiġu żviluppati indikaturi speċifiċi għall-ġeneru ħalli jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun soċjalment ġusta;

3. Jitlob lill-UE tippromwovi pakkett straordinarju biex tappoġġja lill-persuni li qed jitħabtu maż-żieda qawwija fl-għoli tal-ħajja, inklużi EUR 100 biljun għall-familji, speċjalment il-familji b'ġenitur wieħed – li l-maġġoranza l-kbira tagħhom huma

---

[38] ĠU L, 2023/2407, 23.10.2023.
[39] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku. Gwida tal-UE dwar il-faqar enerġetiku. Dokument ta' akkumpanjament (SWD(2023)0647).

mmexxija min-nisa – l-aktar milquta mill-faqar enerġetiku u mill-inqas EUR 20 biljun biex tiżdied l-iskema tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal;

4. Jitlob lill-Istati Membri u lill-UE jiggarantixxu b'mod urġenti utilitajiet u ikel affordabbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u, b'mod partikolari, għal dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali; jisħaq li ħadd m'għandu jkollu jbati l-kesħa fl-eqqel tax-xitwa jew is-sħana żejda fix-xhur jikwu tas-sajf u jitlob lill-Istati Membri u lill-UE jipprojbixxu l-iskonnessjonijiet min-network tal-enerġija; jisħaq li ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika permezz tar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni għandha tkun prijorità fl-Istati Membri kollha;

5. Ifakkar li b'aktar minn 50 miljun ruħ affettwati mill-faqar enerġetiku fl-UE, għandha tingħata assistenza finanzjarja biex tappoġġja lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx f'konformità mal-istandards minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija; iqis li huwa importanti li l-Istati Membri jiggarantixxu aċċess għall-elettriku għall-persuni vulnerabbli;

6. Ifakkar li l-faqar enerġetiku jaffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat fl-UE kollha u għalhekk l-Istati Membri għandhom jiddedikaw l-appoġġ meħtieġ biex itaffu l-faqar enerġetiku fost in-nisa;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti biex jindirizzaw il-faqar u l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu fost in-nisa, speċjalment fost il-gruppi vulnerabbli, inklużi l-ommijiet waħedhom, in-nisa b'diżabbiltà, in-nisa minn sfondi razzjali u etniċi, il-persuni LGBTIQ+, in-nisa migranti u rifuġjati, in-nisa anzjani u n-nisa f'żoni rurali jew depopolati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea ambizzjuża kontra l-faqar għall-2030, inkluż il-faqar tal-ħin, b'miri konkreti għat-tnaqqis tal-faqar u b'enfasi biex jintemm il-faqar tan-nisa u jitkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali tar-riskji ta' faqar;

8. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri speċifiċi biex jiġġieldu r-riskju tal-faqar fix-xjuħija u jieħdu approċċ sensittiv għall-ġeneru meta jirriformaw is-sistemi tal-pensjonijiet, jadattaw l-età tal-irtirar u jsaħħu l-pensjonijiet u l-benefiċċji u s-servizzi soċjali bħall-indukrar fit-tul, filwaqt li jqisu s-sottorappreżentanza tan-nisa fis-suq tax-xogħol, kif ukoll is-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tipproponi, meta jkun xieraq, atti leġiżlattivi ġodda biex twaqqaf lill-ispekulaturi milli jagħmlu l-aċċess għall-enerġija mhux affordabbli għan-nisa;

10. Jenfasizza li l-aċċess għall-elettriku għandu rwol fundamentali fit-tnaqqis tal-faqar u fl-iżgurar ta' parteċipazzjoni sħiħa u ugwali fis-soċjetà;

11. Jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni jiżviluppa pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneru li jiżgura li l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE dwar l-enerġija, inkluż id-dritt għall-kondiviżjoni tal-enerġija kif imsemmi fid-Direttiva (UE) 2018/2001, tintegra d-dimensjoni tal-ġeneru u tiżviluppa miżuri speċifiċi, indikaturi u fondi mmirati biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku, u b'mod partikolari l-konsegwenzi marbuta mal-ġeneru tiegħu;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-inklużjoni tad-dimensjonijiet tal-ġeneru u intersezzjonali fl-iskemi kollha għall-effiċjenza enerġetika u l-elettriku rinnovabbli, inkluż id-dritt għall-kondiviżjoni tal-enerġija, sabiex jappoġġjaw lil dawk iċ-ċittadini l-aktar affettwati mill-faqar enerġetiku; jirrikonoxxi l-kontribut ta' inizjattivi mmexxija min-nisa għal soluzzjonijiet ta' enerġija sostenibbli u r-rwol strumentali tan-nisa fit-tfassil ta' tali soluzzjonijiet fil-livelli kollha, inklużi l-livelli tal-unitajiet domestiċi, tal-komunità, lokali, nazzjonali u Ewropej;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha sabiex jinkiseb l-aħjar rispons għall-kriżi tal-enerġija, li taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tħejji rapport dwar il-konsegwenzi relatati mal-ġeneru taż-żieda fl-għoli tal-ħajja minħabba l-kriżi tal-enerġija, inkluża valutazzjoni tal-ġeneru tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw il-prezzijiet tal-enerġija, tat-trasport u ta' oġġetti essenzjali oħra bil-ħsieb li jiġu żviluppati miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra r-riskju tal-esklużjoni soċjali u l-faqar, b'enfasi fuq l-aċċess għal akkomodazzjoni, trasport, ġustizzja u enerġija affordabbli;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi lill-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri obbligatorji fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, inkluż meta jirrapportaw dwar il-faqar enerġetiku;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida speċifiċi dwar kif jiġi żgurat li l-Istati Membri japplikaw b'mod korrett l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-analiżi tal-ġeneru meta jfasslu l-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima (NECP), inklużi miżuri u azzjonijiet biex itaffu l-faqar enerġetiku; iqis li l-inkorporazzjoni ta' analiżi tal-ġeneru b'perspettiva intersezzjonali fl-NECPs hija kruċjali għall-promozzjoni ta' tranżizzjoni tal-enerġija soċjalment ġusta;

16. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investiment pubbliku f'politiki li, direttament jew indirettament, għandhom l-għan li jikkontrobattu l-effetti negattivi tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja fuq in-nisa fid-diversità kollha tagħhom, filwaqt li jipproteġu lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u li jiggarantixxu aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u bla ħlas għall-indukrar, l-edukazzjoni, is-saħħa, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u l-akkomodazzjoni, it-trasport u l-enerġija affordabbli, kif ukoll aċċess għal impjieg deċenti; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lir-reġjuni rurali, interni u ultraperiferiċi u lir-reġjuni f'riskju ta' depopolazzjoni li spiss ma jkollhomx provvista adegwata ta' dawn is-servizzi;

17. Jenfasizza li l-impatt tal-inflazzjoni u tal-kostijiet tal-enerġija għoljin qed idgħajfu s-servizzi pubbliċi, li n-nisa huma aktar probabbli li jiddependu fuqhom u li n-nisa huma aktar probabbli li jaħdmu fihom; jisħaq fuq il-fatt li t-tnaqqis fil-baġits tal-Istati Membri għall-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni u l-attivitajiet ta' qabel l-iskola u għall-persuni li jindukraw għandu implikazzjonijiet diretti għan-nisa li jwettqu l-maġġoranza tal-kompiti addizzjonali involuti; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament għall-infrastruttura soċjali b'mod partikolari għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-indukrar u jagħtu prijorità lill-akkomodazzjoni soċjali u lill-investiment fil-modifika retroattiva tad-djar biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija;

18. Jisħaq li l-kriżi tal-kost tal-enerġija, flimkien mal-kriżi tal-għoli tal-ħajja, qed ikollha impatt negattiv fuq l-inklużjoni ekonomika u soċjali, is-saħħa u d-drittijiet fundamentali tan-nisa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jenfasizza li madwar terz tan-nies jgħidu li rrinunzjaw għall-kura medika fl-2022, u aktar qed jirrapportaw li qed jiġu mġiegħla jirrinunzjaw għall-kura medika minħabba żieda fil-kostijiet, ħinijiet itwal ta' stennija, u nuqqasijiet ta' tobba u mediċini;

19. Jitlob li jiġi żgurat introjtu minimu adegwat, skont ir-rakkomandazzjonijiet Ewropej, bl-għan li jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà tal-introjtu u l-indipendenza ekonomika tan-nisa; ifakkar li pagi minimi adegwati huma salvagwardja meħtieġa biex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-pagi u biex tiġi ggarantita paga minima li tipproteġi lin-nisa; jenfasizza li l-istrumenti msemmija hawn fuq jeħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fil-ftehimiet kollettivi;

20. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli tippromwovi kwalunkwe rakkomandazzjoni politika li twassal għal żieda fir-relazzjonijiet tax-xogħol prekarji, it-tneħħija tar-regolamentazzjoni tas-sigħat tax-xogħol, it-tnaqqis fis-salarji, attakk fuq in-negozjar kollettiv, jew il-privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u tas-sigurtà soċjali;

21. Jappella għal politika tat-trasport pubbliku li tqis l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari billi tespandi u ttejjeb is-servizz tat-trasport pubbliku u toffri mobbiltà effettiva sabiex in-nisa jkunu jistgħu jsibu xogħol u jipparteċipaw b'mod aktar attiv fis-suq tax-xogħol (u jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata);

22. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ma tinħoloq ebda bużżieqa spekulattiva artifiċjali għad-detriment tal-benessri tan-nisa;

23. Ifakkar li akkomodazzjoni adegwata hija dritt fundamentali li jrid jiġi protett u rikonoxxut bħala prerekwiżit għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali l-oħra, għall-aċċess għalihom u għal ħajja dinjituża; jiddispjaċih li bħala riżultat tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza fir-rigward tal-akkomodazzjoni, ħafna nisa jgħixu f'kundizzjonijiet insikuri, mhux dinjitużi u perikolużi, u jinsabu f'riskju akbar ta' vjolenza u li jispiċċaw mingħajr post fejn jgħixu; jisħaq li l-evizzjonijiet furzati u ksur ieħor tad-dritt għall-akkomodazzjoni għandhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa u jsaħħu l-inugwaljanzi eżistenti, u dan jirrappreżenta ostaklu sinifikanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tipproponi, meta jkun xieraq, atti leġiżlattivi ġodda biex timmitiga l-finanzjalizzazzjoni tas-swieq tal-akkomodazzjoni u twaqqaf lill-ispekulaturi milli joħolqu sitwazzjoni fejn l-akkomodazzjoni ma tkunx affordabbli;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-awtoritajiet lokali, inklużi l-awtoritajiet tal-bliet, l-għażla li jissikkaw il-kontroll tagħhom fuq il-pjattaformi online tal-kiri tal-akkomodazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jieħdu passi biex jirregolaw il-prezzijiet, iżidu l-provvista u l-għażla tal-akkomodazzjoni pubblika disponibbli u jindirizzaw l-impatt taż-żidiet fir-rati tal-imgħax ikkawżati mill-inflazzjoni;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jissalvagwardjaw il-provvisti tal-enerġija f'żoni 'l bogħod miċ-ċentri urbani sabiex iż-żoni rurali jipprovdu l-kundizzjonijiet minimi ta' kumdità għan-nisa u l-familji;

26. Jisħaq li l-piż imqiegħed fuq il-konsumaturi l-aktar vulnerabbli kkawżat mill-volatilità tas-swieq tal-enerġija jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti billi tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini;

27. Jistieden lill-kumpaniji tal-enerġija jieħdu approċċ proporzjonali fir-rigward tal-iskonnessjoni tal-utenti min-network tal-enerġija, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet, l-isfidi u diffikultajiet oħra tan-nisa, l-ommijiet waħedhom, in-nisa b'diżabbiltà, in-nisa akbar fl-età, il-bniet, kif ukoll in-nisa li jgħixu f'żoni rurali u interni matul kriżi tal-għoli tal-ħajja, li huwa inerenti għall-kriżi tal-enerġija;

28. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintegraw perspettiva tal-ġeneru u intersezzjonali fid-definizzjonijiet tagħhom tal-faqar enerġetiku, sabiex jippermettu t-tqabbil u l-monitoraġġ ta' din ir-realtà b'mod li jmur lil hinn mill-kunċett ġenerali ta' "unitajiet domestiċi vulnerabbli", u b'hekk jippermettu fehim aħjar tas-sitwazzjonijiet differenti fi ħdan kull unità domestika;

29. Itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Eurostat u lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw u jtejbu l-ġbir ta' data, statistika, riċerka u analiżi diżaggregati skont il-ġeneru u intersezzjonali, peress li dan huwa l-uniku mod biex jiġi żgurat li sitwazzjonijiet speċifiċi ma jiġux injorati u jservu bħala bażi għal tfassil ta' politika infurmat;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jitolbu data diżaggregata skont il-ġeneru dwar il-faqar enerġetiku mill-Eurostat; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE juża tali data biex jiżviluppa u jagħżel indikaturi speċifiċi għall-ġeneru li jippermettu l-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza f'dak il-qasam, f'konsultazzjoni mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

31. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz akbar biex jinkludu data diżaggregata skont il-ġeneru fil-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini tagħhom sabiex il-politiki u l-miżuri jkunu mmirati aħjar;

32. Jissottolinja l-importanza li jitrawmu riċerka u innovazzjoni kontinwi sensittivi għall-ġeneru fl-industrija tal-elettriku rinnovabbli;

33. Jitlob lill-Istati Membri u lill-UE jiżguraw b'mod urġenti utilitajiet affordabbli għall-SMEs immexxija min-nisa, b'mod partikolari għal dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali; jirrikonoxxi li l-intrapriżi mmexxija min-nisa u l-intrapriżi lokali b'perċentwal għoli ta' ħaddiema nisa spiss ikunu parti vitali mill-produzzjoni ta' oġġetti essenzjali; jisħaq li l-intraprendituri nisa m'għandhomx iġorru piż sproporzjonat tal-ispekulazzjoni ekonomika u għandhom jingħataw aċċess ugwali għall-opportunitajiet li toffri t-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jittaffa l-impatt inugwali tagħha;

34. Jisħaq li l-prinċipji tat-trattament ugwali u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għandhom ikunu fil-qalba tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u għandhom ikunu riflessi fid-deċiżjonijiet dwar il-politika, l-ippjanar u l-investiment;

*Lejn tranżizzjoni ekoloġika inklużiva fir-rigward tal-ġeneru*

35. Ifakkar li tranżizzjoni ekoloġika ġusta hija meħtieġa biex jiġu evitati kriżijiet futuri severi u żieda fil-faqar; ifakkar, barra minn hekk, li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun soċjalment ġusta biss jekk tinkludi perspettiva tal-ġeneru u tiggarantixxi opportunitajiet indaqs għan-nisa u għal dawk li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali kif ukoll l-inklużjoni sinifikanti tagħhom fil-proċess ta' tfassil tal-politika; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni taħtar koordinatur tal-UE dwar il-ġeneru u l-klima b'persunal u finanzjament suffiċjenti, u tintroduċi valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fil-politiki u l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE, b'mod partikolari fl-inizjattivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

36. Ifakkar li l-estensjoni tal-aċċess għall-enerġija ekoloġika u l-promozzjoni tal-affordabbiltà tagħha huma ċentrali biex jinkiseb żvilupp aktar inklużiv u sostenibbli; jirrikonoxxi kif il-kostijiet tat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li qed jonqsu b'rata mgħaġġla u l-mudelli kummerċjali ġodda joffru soluzzjonijiet tal-enerġija li huma promettenti ħafna biex jiġi aċċelerat l-aċċess għall-enerġija sostenibbli għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom;

37. Jisħaq li n-nisa għandhom rwol strateġiku u ta' benefiċċju x'jaqdu fit-tranżizzjoni ekoloġika peress li huma atturi ewlenin fl-iżvilupp ta' xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli u ekoloġikament sodi, kif ukoll fin-negozju u fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha; jenfasizza l-ħtieġa immedjata li jiġi rikonoxxut il-potenzjal tagħhom fit-trawwim tal-enerġija sostenibbli u li jingħata kontribut għall-ilħuq ta' bosta SDGs;

38. Jiddispjaċih li, skont in-NU, il-potenzjal tan-nisa bħala intraprendituri fis-settur tal-enerġija mhuwiex utilizzat biżżejjed; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-intraprendituri nisa fil-qasam tal-enerġija sostenibbli u lill-Istati Membri biex inaqqsu d-differenzi eżistenti bejn il-ġeneri u jtejbu l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni, it-teknoloġija, l-oġġetti u s-servizzi, is-swieq u l-finanzi b'mod partikolari billi jsaħħu s-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja tradizzjonali u innovattivi bħall-pjattaformi integrati bbażati fuq l-internet;

39. Ifaħħar lill-gvernijiet lokali/nazzjonali jew lill-kumpaniji privati li qed jagħmlu sforzi kbar biex jindirizzaw id-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-faqar enerġetiku u jħeġġiġhom ikomplu din il-ħidma billi jinkorporaw perspettiva tal-ġeneru kull fejn possibbli u jiżguraw li l-lingwa/komunikazzjoni użata tkun inklużiva fir-rigward tal-ġeneru u offruta bil-Braille għal dawk li jeħtiġuha;

40. Jiddeplora l-fatt li n-nisa huma sottorappreżentati b'mod sinifikanti f'pożizzjonijiet ewlenin tat-tfassil tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-ambjent, u jappella lill-UE u lill-Istati Membri għal miżuri ta' azzjoni pożittiva bħal kwoti temporanji biex jiżguraw rappreżentanza ugwali u diversa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-UE, il-korpi governattivi u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha ta' governanza u fil-korpi pubbliċi assoċjati; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-parteċipazzjoni sinifikanti tan-nisa fl-ippjanar, il-politiki u l-programmi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inkluż l-ippjanar fiskali tagħhom u jiżguraw li tali politiki jqisu l-impatti differenzjali tat-tibdil fil-klima u tal-kriżijiet tal-enerġija fuq in-nisa u l-irġiel;

41. Jinnota li sabiex jiżguraw li l-forza tax-xogħol tal-UE tkun ippreparata bis-sħiħ biex taħdem b'mod attiv lejn l-ilħuq tal-objettivi klimatiċi tagħha, l-Istati Membri għandhom

jimmiraw li jnaqqsu d-disparità bejn il-ġeneri fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-bini, inkluż permezz tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima;

42. Jilqa' l-fatt li, bħala l-aġenziji ewlenin fil-qasam tal-ambjent u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, il-UNEP u l-UN Women ingħaqdu flimkien biex jiżviluppaw Programm Globali għall-promozzjoni tal-Intraprenditorija tan-Nisa għall-enerġija sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rilevanti tal-UE jieħdu nota ta' dan il-programm u jippromwovu objettivi intraprenditorjali sostenibbli simili fi ħdan l-UE;

43. Jissottolinja li t-teknoloġija u l-pjattaformi diġitali qed isiru kruċjali fil-proċess ġenerali tal-għoti tal-edukazzjoni u t-taħriġ lin-nisa u l-bniet kif ukoll f'ħafna proċessi tal-għażla tax-xogħol; jiddispjaċih dwar l-impatti negattivi tal-aċċess mhux ugwali għat-teknoloġija, li jista' jfixkel l-iżvilupp tal-litteriżmu diġitali tan-nisa u tal-bniet u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom, inklużi n-nisa waħedhom u n-nisa anzjani u dawk in-nisa li jgħixu f'żoni rurali, żoni interni u żoni f'riskju għoli ta' depopolazzjoni ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat mill-faqar enerġetiku;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fis-settur tal-enerġija billi jindirizzaw is-sottorappreżentanza tan-nisa fil-karrieri STEAM u jiżguraw li n-nisa jkollhom aċċess ugwali għal korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali u korsijiet ta' sensibilizzazzjoni fis-suġġetti STEAM inklużi dawk dwar l-effiċjenza enerġetika u s-suffiċjenza enerġetika u joħolqu rabta pożittiva bejn l-akkwist tal-għarfien u l-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali għal opportunitajiet ta' impjieg emerġenti fit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika;

45. Jirrikonoxxi li l-objettivi aħħarin tal-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-kisba tal-bilanċ bejn il-ġeneri fis-settur tal-enerġija għadhom ma ntlaħqux; jistieden lill-awtoritajiet tal-edukazzjoni rispettivi fl-Istati Membri jinkoraġġixxu b'mod partikolari lill-bniet jieħdu interess fis-settur tal-enerġija billi jiġġieldu kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-għażliet edukattivi u jrawmu l-fiduċja tagħhom dwar il-pussess tal-ħiliet meħtieġa biex isiru impjegati, innovaturi u pijunieri fis-settur tal-enerġija;

46. Jisħaq li s-settur tal-enerġija huwa wieħed mill-aktar industriji żbilanċjati fl-UE fir-rigward tal-ġeneri, fejn in-nisa jirrappreżentaw biss 24 % tal-forza tax-xogħol[40], kif ukoll fir-rigward tas-segregazzjoni okkupazzjonali u ġerarkika tal-ġeneri; jistieden lill-kumpaniji tal-enerġija privati u pubbliċi jeqirdu kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru jew ta' kwalunkwe raġuni oħra kif stabbilit fl-Artikolu 21 tas-CFREU; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-persistenza tal-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri li jipperpetwaw l-ostakli għad-dħul u ż-żamma tal-forza tax-xogħol fis-settur tal-enerġija, inkluż ir-rispett u l-promozzjoni tal-użu tad-drittijiet tal-maternità u tal-paternità; jissottolinja li l-kumpaniji tal-enerġija li jippromwovu l-ugwaljanza jirrappreżentaw ambjenti tax-xogħol aktar attraenti għall-impjegati u l-impjegati potenzjali kollha tagħhom;

47. Jilqa' l-inizjattivi li jippromwovu lin-nisa biex isiru intraprendituri fil-qasam tal-enerġija solari, eolika, ġeotermali u idroelettrika, peress li dan huwa ta' benefiċċju għan-nisa involuti kif ukoll għall-komunità usa', u jistieden lill-Istati Membri

[40] EIGE, Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023.

jidentifikaw kwalunkwe ostaklu li jipprevjeni lin-nisa milli jaħdmu f'dawn is-setturi; jistieden lill-kumpaniji privati fis-settur tal-enerġija jiżguraw li t-teknoloġija tal-enerġija solari, eolika, ġeotermali u idroelettrika, u l-innovaturi nisa tagħha, jingħataw is-setgħa li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija;

48. Jinnota l-objettivi ewlenin tal-Kummissjoni fi ħdan l-istrateġija tal-UE għall-enerġija solari, li tfittex li tagħmel is-sistemi tal-enerġija solari tal-UE aktar kompetittivi u reżiljenti; jirrikonoxxi kif l-enerġija solari, eolika, ġeotermali u idroelettrika qed tagħti aċċess akbar lin-nisa għall-enerġija, b'mod partikolari fiż-żoni rurali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi integrat it-tħassib tan-nisa dwar is-sikurezza fir-rigward tal-użu tat-tidwil meta jitfasslu u jiġu ppjanati politiki urbani u ta' mobbiltà bil-ħsieb li jiġu promossi spazji pubbliċi li jkunu sikuri u ħielsa minn fastidju;

49. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jimpenjaw ruħhom favur l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u jiżguraw li dan jiġi applikat għall-baġit kollu tal-UE, u li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jiġu implimentati bis-sħiħ, inkluż fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

°

° °

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Il-kriżi tal-għoli tal-ħajja u tal-enerġija – in-nisa huma l-aktar milquta**

L-Ewropa bħalissa qed tesperjenza kriżi tal-għoli tal-ħajja u tal-enerġija kważi mingħajr preċedent fl-istorja reċenti. Madwar il-kontinent, in-nies qed jitħabtu biex ilaħħqu mal-ħajja u jkollhom jagħżlu bejn "it-tisħin jew l-ikel."

Fil-bidu tal-2022, wara l-pandemija tal-COVID, l-Unjoni Ewropea kienet lesta "li nmiddu idejna għax-xogħol, biex nagħmlu l-Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar reżiljenti"[1]. Madankollu, fl-24 ta' Frar, ir-Russja invadiet l-Ukrajna.

Minbarra t-tbatija umana tremenda kkawżata mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-poplu tagħha, il-gwerra kellha impatt massiv fuq il-ktajjen tal-provvista, u kkawżat żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, u l-inflazzjoni sparat 'il fuq. Fl-2022, ir-rati tal-inflazzjoni wasslu lill-Bank Ċentrali Ewropew biex iżid ir-rati tal-imgħax għall-ewwel darba fi 11-il sena.

Sfortunatament, iż-żieda fl-inflazzjoni seħħet qabel ma l-gruppi soċjali l-aktar vulnerabbli setgħu jirkupraw mill-pandemija tal-COVID, u dan kompla jaggrava l-kundizzjonijiet tal-għajxien għal ħafna ċittadini Ewropej.

Miljuni ta' unitajiet domestiċi issa jeħtieġu għajnuna minħabba din iż-żieda fl-għoli tal-ħajja u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Madankollu, meta wieħed iħares lejn in-numri, il-faqar għandu wiċċ femminili.

In-nisa madwar l-Ewropa qed jiffaċċjaw aktar sfidi soċjoekonomiċi u livelli ogħla ta' faqar mill-irġiel. B'mod ġenerali, in-nisa għandhom impjiegi li huma aktar prekarji, il-paga tagħhom hija aktar baxxa, u huma aktar probabbli li jagħmlu xogħol ta' indukrar tat-tfal mingħajr ħlas. Fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjiegi u s-servizzi soċjali, xi gruppi ta' nisa jiffaċċjaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni. Dawn jinkludu nisa li għandhom 'il fuq minn 65 sena, nisa b'diżabbiltà, u nisa minn minoranzi etniċi.

Mill-COVID-19 'l hawn, l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa żdiedu u l-kriżi attwali tal-għoli tal-ħajja taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat minħabba l-introjtu medju aktar baxx tagħhom, l-akkomodazzjoni ta' livell baxx u ineffiċjenti, u d-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali. Fl-2021, qabel il-kriżi, kien hemm aktar minn 20 miljun mara jgħixu taħt l-indiċi tal-linja tal-faqar fl-UE milli kien hemm irġiel. Bir-rata attwali ta' progress, l-UE tinsab mill-inqas 60 sena 'l bogħod milli tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[2].

**Ursula von der Leyen wiegħdet li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" iżda nsiet il-Patt Ekoloġiku**

Nafu li n-nisa jinsabu f'riskju akbar li jaqgħu f'faqar enerġetiku – nuqqas ta' aċċess għal riżorsi tal-enerġija affordabbli. Il-problema hija sfida rikonoxxuta fil-livell tal-UE. Skont il-

[1] https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/recovery-plan-europe_mt
[2] https://sdgwatcheurope.org/cost-of-living-crisis-exacerbates-poverty-for-women-in-europe/

Kummissjoni Ewropea, il-faqar enerġetiku huwa problema mifruxa madwar l-Ewropa kollha, peress li bejn 50 u 125 miljun persuna ma jistgħux jaffordjaw kumdità termali interna xierqa.

Madankollu, ftit hemm data disponibbli dwar l-impatt tal-faqar enerġetiku fuq l-irġiel u n-nisa fl-UE. Ftit Stati Membri biss adottaw definizzjonijiet tal-faqar enerġetiku u indikaturi tal-faqar enerġetiku, u normalment ma jqisux il-ġeneru.

Fl-2016, il-Parlament Ewropew kien diġà adotta riżoluzzjoni dwar l-aċċess għall-enerġija li fiha appella għall-inklużjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-politiki kollha tal-enerġija. Sfortunatament, ftit li xejn sar progress minkejja bosta appelli tal-Parlament Ewropew u l-wegħda tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen li l-Patt Ekoloġiku Ewropew ma jħalli "lil ħadd jibqa' lura".

Minkejja l-impenn tal-Kummissjoni attwali li tintegra l-ġeneru fl-inizjattivi ewlenin kollha tagħha, ir-rabtiet bejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-oqsma ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, mhumiex adegwati.

Fil-prattika, dak li l-Kummissjoni Ewropea wettqet s'issa fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku, jista' jiġi deskritt bħala tranżizzjoni ekoloġika ffinanzjata mill-UE insensittiva għall-ġeneru, li thedded li tkabbar l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u intersezzjonali.

Ir-rapport speċjali 10/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: *L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni*, jikkonferma wkoll il-fatt li l-Kummissjoni mhijiex qed tirrispetta l-obbligu tagħha bbażat fuq it-trattat li tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika. Ir-rapport jikkonkludi li l-indikaturi u d-data diżaggregata skont il-ġeneru spiss huma nieqsa fl-iżvilupp tal-politika u qed ifixklu l-analiżi tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri[3]. B'konsegwenza ta' dan, l-inizjattivi tal-Patt Ekoloġiku u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jonqsu milli jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Barra minn hekk, *Gender Equality Index 2023: Gender Equality and the European green deal (L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023: L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Patt Ekoloġiku Ewropew)* tal-EIGE, jenfasizza wkoll in-nuqqas ta' data ta' kwalità għolja u jiddikjara li l-indikaturi attwali mhumiex adattati għall-iskop tagħhom. Ħafna drabi d-data ma tkunx diżaggregata skont il-ġeneru u l-indikaturi ma jkunux sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru. B'konsegwenza ta' dan, l-istatistika disponibbli tal-UE ma tkejjilx kwistjonijiet li huma rilevanti minn perspettiva intersezzjonali tal-ġeneru.

In-nuqqas ta' evidenza huwa sfida ewlenija għall-Kummissjoni jekk biħsiebha tabilħaqq twettaq l-impenn tagħha li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura". Jeħtieġ li jkun hemm fatti intersezzjonali fuq il-mejda biex il-ħtiġijiet u t-tħassib differenti kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel jiġu integrati b'suċċess fil-politiki li jimplimentaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan huwa imperattiv biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-finanzjament storikament mingħajr preċedent u għall-opportunitajiet kbar li toffri t-tranżizzjoni ekoloġika.

**Il-Patt Ekoloġiku jrid jagħti prijorità lill-ġustizzja soċjali biex jiġi indirizzat il-faqar abbażi tal-ġeneru**

L-Ewropa għal darb'oħra tinsab f'modalità ta' emerġenza, u qed tiffaċċja kriżi sinifikanti tal-

[3] https://www.eca.europa.eu/mt/publications?did=58678

enerġija minħabba d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili u suq tal-enerġija volatili.

L-aspetti soċjali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-politiki tagħna dwar l-enerġija huma kritiċi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE u jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Bħalissa, l-aktar ċittadini vulnerabbli tal-UE qed iħallsu l-prezz għall-volatilità tas-sistema tal-enerġija tagħna dipendenti fuq il-fossili. Il-faqar għandu wiċċ femminili u fl-2021, qabel il-kriżi attwali, diġà kien hemm aktar minn 20 miljun mara jgħixu taħt l-indiċi tal-linja tal-faqar fl-UE milli kien hemm irġiel.

Saru diversi dikjarazzjonijiet qawwija mill-Parlament Ewropew relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tranżizzjoni tal-enerġija. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022, il-Parlament irrikonoxxa li n-nisa għadhom jiffaċċjaw ostakli strutturali u kulturali għall-parteċipazzjoni fl-aspetti kollha tat-twettiq tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-klima[4].

Il-problemi strutturali jirrikjedu soluzzjonijiet strutturali. Għalhekk, id-data intersezzjonali u approċċ sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru jridu jiġu riflessi fit-tfassil tal-politika tal-UE biex tiġi miġġielda ż-żieda fil-faqar abbażi tal-ġeneru. L-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tipprovdi opportunità biex jitwettaq l-impenn għall-integrazzjoni tal-ġeneru u perspettiva intersezzjonali fl-attivitajiet kollha tal-UE, inkluż fil-proċess baġitarju tal-UE.

Ir-rapport jippreżenta diversi miżuri biex tiġi miġġielda ż-żieda tal-faqar abbażi tal-ġeneru u jtenni l-għadd kbir ta' appelli tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni biex twettaq il-wegħda tagħha li tiżgura tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika li taħdem għal kulħadd.

Bħala konklużjoni, l-iżgurar ta' tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta huwa prerekwiżit assolut għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku u għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni Ewropea.

[4] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-02-17_MT.html

## ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F’konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I għar-Regoli ta’ Proċedura, ir-Rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) |
| Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (EUROFOUND) |
| - |
| Il-lista ta’ hawn fuq tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. |

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 30.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | + : 20<br>- : 2<br>0 : 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabella Adinolfi, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Margarita de la Pisa Carrión, Frances Fitzgerald, Lina Gálvez Muñoz, Radka Maxová, Johan Nissinen, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Maria Veronica Rossi, Christine Schneider |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Abir Al-Sahlani, Marina Kaljurand, Aušra Maldeikienė, Silvia Modig, Susana Solís Pérez, Pernille Weiss, Angelika Winzig |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Helmut Geuking, Pär Holmgren, France Jamet, Grace O'Sullivan, Tomáš Zdechovský |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 20 | + |
|---|---|
| PPE | Adinolfi Isabella, Fitzgerald Frances, Geuking Helmut, Maldeikiene Ausra, Schneider Christine, Weiss Pernille, Winzig Angelika, Zdechovský Tomás |
| Renew | Solís Pérez Susana |
| S&D | Biedron Robert, Blinkeviciute Vilija, Gálvez Muñoz Lina, Kaljurand Marina, Maxová Radka, Noichl Maria, Ohlsson Carina, Picierno Pina |
| The Left | Modig Silvia |
| Verts/ALE | Holmgren Pär, O'Sullivan Grace |

| 2 | - |
|---|---|
| ECR | Nissinen Johan, de la Pisa Carrión Margarita |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ID | Jamet France, Rossi Maria Veronica |
| Renew | Al-Sahlani Abir |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni